MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 742/2013

**Public Broadcasting Services Limited**
**C13140**

**vs**

**Frank Borda Limited**
**C446**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici ddikjarat illi l-istess Socjeta’ mittenti pprovdiet servizzi fuq il-mezzi tax-xandir taghha lis-Socjeta’ intimata u dan ghall-ammont ta’ tlett mija, erbgha u ghoxrin ewro, sebgha u disghin centezmu (€324.97c) u dan skont kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat ‘Dok.A’; Illi ghalkemm interpellata diversi drabi, is-Socjeta’ intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, is-Socjeta’ attrici titlob bir-rispett illi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji, s-Socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ tlett mija u erbgha u ghoxrin ewro u

sebgha u disghin centezmu (€324.97c) rapprezentanti servizzi fuq il-mezzi tax-xandir taghha lis-Socjeta' intimata, bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-istess Socjeta' konvenuta ngunta in Subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Socjeta' konvenuta, li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante illi (i) l-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici kellu jigi mnaqqas minn ammont akbar stante illi dan l-ammont jirraprezenta *agency booking commission* li kellu jigi mnaqqas min-naha tas-Socjeta' attrici; u (ii) is-Socjeta' konvenuta hallset is-somma ta' elf, tmien mija, wiehed u erbghin ewro, wiehed u hamsin centezmu (€1,841.51c) ghas-saldu tal-ammont dovut lis-Socjeta' attrici a bazi tal-fattura li kienet inharget ghar-riklamar in kwistjoni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Semgha x-xhieda tar-rapprezentanti tas-Socjetajiet kontendenti, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-Trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi rapprezentant tas-Socjeta' attrici, li tahdem fil-qasam tal-*credit control* iddikjarat illi s-Socjeta' konvenuta ffirmat kuntratt maghha relattiv ghal servizz ta' reklamar fuq it-televizjoni. Illi tali kuntratt kien ghall-valur ta' erbat elef u erba' mitt ewro (€4,400), izda nharget fattura ghall-ammont ta' elfejn, mija u sitta u sittin ewro (€2,166), u dan in kwantu kien hemm diversi *spots / slots* pubblicitarji li ma ntalahax ftehim dwarhom meta ser jixxandru, u ghalhekk ma gewx imxandra. Illi ghalkemm il-fattura li nharget fil-konfront tas-Socjeta' konvenuta kienet ghall-ammont ta' elfejn, mija u sitta u sittin ewro (€2,166), madanakollu, is-Socjeta' konvenuta wettqet hlas fl-ammont ta' elf, tmien mija, wiehed u erbghin ewro (€1,841), u ghalhekk permezz ta' din l-azzjoni qed jintalab il-bilanc.

Illi l-istess rapprezentant iddikjarat illi minn stharrig illi ghamlet irrizultala illi s-Socjeta' konvenuta rriduciet hmistax fil-mija (15%) tal-ammont pretiz mis-Socjeta' attrici, u dan bhala *commission fee* illi s-Socjeta' konvenuta tippretendi illi hija intitolata li tnaqqas mill-ammont

dovut. Illi mill-istess stharrig illi ghamlet mal-*business development manager*, irrizulta illi tali *commission* titnaqqas meta jkun klijent regolari jew il-valur tal-kuntratt ikun jeccedi ghoxrin elf ewro (€20,000), u li ma kienx allura applikabbli ghal dan il-kaz. Ikkonfermat illi l-ammont li qed jintalab permezz ta’ din l-azzjoni huwa hmistax fil-mija (15%) tal-valur tal-fattura, qabel ma wiehed izid il-VAT. Illi dwar il-pagament imwettaq mis-Socjeta’ konvenuta lis-Socjeta’ attrici, iddikjarat illi dan gie accettat mis-Socjeta’ attrici li sarfitu.

Illi l-*financial controller* fi hdan is-Socjeta’ konvenuta ddikjara li hu ma kienx prezenti ghat-trattattivi u negozjati li saru mas-Socjeta’ attrici dwar il-kampanja ta’ reklamar fuq it-televizjoni, ghaliex dawn in-negozjati saru mill-*managing director*. Illi ddikjara wkoll illi fi hdan is-Socjeta’ konvenuta hemm divizjoni li specifikament tiehu hsieb ir-reklamar fuq il-mezzi tax-xandir, u li fiha hemm ukoll impjegati *graphic designers*. Illi ghalhekk, u peress illi tali xoghol ta’ thejjija ta’ reklami jsir internament, allura jkun hemm tnaqqis mill-ammont dovut lis-Socjeta’ li tkun qed tipprovdi l-mezz tax-xandir, ghaliex altrimenti, u kemm-il darba tali xoghol jigi mwettaq mis-Socjeta’ attrici jew ikkummissjonat lil terzi, allura tali hlas ghal dan is-servizz jigi mwettaq lis-Socjeta’ attrici. Illi f’dan il-kaz, ix-xoghol ta’ thejjija tar-reklam sar internament mis-Socjeta’ konvenuta, u ghalhekk kellu jsir tali tnaqqis mill-fattura. Illi ddikjara wkoll illi tali percentwali ta’ hmistax fil-mija (15%), giet stabbilita bi prassi f’dan il-qasam. Illi f’dan ir-rigward ghamel referenza ghal fattura mahruga mill-*Allied Newspapers*, oltre illi ddikjara illi l-istess Socjeta’ attrici kienet ukoll adoperat din is-sistema fil-passat mas-Socjeta’ konvenuta, u r-rata li giet applikata dak iz-zmien kienet l-istess.

Illi l-istess rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta ghamel referenza ghal ittra datata 4 ta’ Lulju, 2012 (a fol.31 tal-atti), li permezz taghha s-Socjeta’ konvenuta kkonfermat l-ordni taghha mas-Socjeta’ attrici ghal tali *slots* ta’ reklamar, u fejn permezz tal-istess ittra saret referenza ghall-*agency booking commission* li kellha tigi mnaqqsa. Illi meta eventwalment ircivew il-fattura minghand is-Socjeta’ attrici, rrizulta illi tali tnaqqis ma kienx sar. Illi meta gie mwettaq il-hlas mis-Socjeta’ konvenuta, din talbet *credit note* u aggustament fil-kont rilaxxjat sabiex tali aggustament jigi mbaghad rifless fil-kotba taghhom. Illi ghalkemm is-Socjeta’ konvenuta rceviet ir-ricevuta, madanakollu, il-*credit note* ma rcevitiex, u ghalkemm kienu ghaddew xi diskussjonijiet bejn ir-rapprezentanti tal-partijiet kontendenti, madanakollu ma ntlahaqx ftehim u giet ipprezentata din l-azzjoni. Illi ddikjara li meta giet ikkonfermata l-prenotazzjoni tar-reklamar, is-Socjeta’ konvenuta ma kienitx irceviet ebda konferma minghand is-Socjeta’ attrici dwar il-kummissjoni li kellha titnaqqas. Iddikjara wkoll illi fl-

ittra li permezz taghha gie mwettaq il-hlas mis-Socjeta' konvenuta ma giex espressament dikjarat illi l-hlas qed jigi mwettaq ghas-saldu, izda ntalab illi jkun hemm aggustament billi tinhareg il-*credit note.*

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar bilanc rizultanti minn rendikont datat 26 ta' Marzu, 2014 (a fol.20 tal-atti) relattiv ghal fattura datata 5 ta' Lulju, 2012 (a fol.24 tal-atti) fl-ammont ta' elfejn, mija sitta u sittin ewro, tmienja u erbghin centezmi (€2,166.48c), li minnha s-Socjeta' konvenuta hallset is-somma ta' elf, tmien mija, wiehed u erbghin ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,841.51c), u dan kif jirrizulta mir-ricevuta datata 14 ta' Dicembru, 2012 (a fol.32 tal-atti).

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi l-bilanc li s-Socjeta' attrici qed titlob il-hlas tieghu jirraprezenta hmistax fil-mija (15%) tal-valur tal-fattura msemmija, liema percentwali jirraprezenta *agency booking commission* li s-Socjeta' konvenuta ssostni illi kellu jitnaqqas mill-valur tal-fattura in kwistjoni, u dan *in linea* ta' prassi adoperata in rigward thejjija ta' reklami li jkunu ser jixxandru fuq il-mezzi tax-xandir, u cioe' illi meta tali reklami jigu mhejjija mis-Socjeta' konvenuta stess – li ghandha divizjoni intiz specifikament ghal dan il-ghan – allura jitnaqqas hmistax fil-mija (15%) mill-prezz miftiehem. Illi filwaqt illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ma cahditx illi tizesti tali prassi, madanakollu, ddikjarat illi ma ntlahaqx ftehim in rigward mas-Socjeta' konvenuta, oltre illi tali prassi hija applikabbli fil-konfront ta' klijenti regolari jew meta l-valur tal-kuntratt miftiehem jeccedi l-ghoxrin elf ewro (€20,000).

Illi l-kontestazzjoni tas-Socjeta' konvenuta in rigward it-talba tas-Socjeta' attrici hija bbazata fuq zewg linji difenzjonali, u cioe'; (i) illi japplika dan it-tnaqqis ta' hmistax fil-mija (15%) mill-prezz miftiehem, u dan in bazi ta' prassi adoperata f'din il-linja ta' negozju, u (ii) illi l-hlas imwettaq mill-istess Socjeta' konvenuta lis-Socjeta' attrici – u li gie accettat mis-Socjeta' attrici – kien ghas-saldu tal-pretensjonijiet tal-istess Socjeta' attrici, li ghalhekk u fi kwalunkwe kaz, m'hix intitolata ghall-hlas tal-bilanc.

Illi dwar l-ewwel linja difenzjonali, ikun opportun illi ssir referenza ghad-dokumentazzjoni li giet ipprezentata mill-partijiet kontendenti, senjatament il-*booking order* (a fol.23 tal-atti) li

s-Socjeta’ attrici harget wara illi s-Socjeta’ konvenuta, permezz ta’ ittra datata 4 ta’ Lulju, 2012 (a fol.31 tal-atti) ikkonfermat il-prenotazzjoni taghha. Illi huwa f’dan id-dokument tal-ahhar illi saret referenza ghall-*agency booking commission* mis-Socjeta’ konvenuta, liema tnaqqis, madanakollu, mhux rifless fil-*booking order* rilaxxjat mis-Socjeta’ attrici, datat 5 ta’ Lulju, 2012. Illi ma hemm ebda referenza in rigward tali tnaqqis lanqas fil-*order/booking form* li jinsab ezebit a fol.21 tal-atti. Illi anzi f’dawn iz-zewg dokumenti, il-valur tal-kuntratt huwa dak totali, u cioe’ fl-ammont ta’ erbat elef, erba’ mija u sitt ewro (€4,406) eskluz il-VAT. Illi mill-atti li gew ipprezentati mill-partijiet ma jirrizultax illi s-Socjeta’ konvenuta f’dak l-istadju gibdet l-attenzjoni tas-Socjeta’ attrici lejn l-allegat ftehim dwar it-tnaqqis tal-*agency booking commission*, u kien biss meta nharget il-fattura dwar il-hlas (a fol.38) illi s-Socjeta’ konvenuta gharfet illi ma kienx hemm it-tnaqqis minnha rikjest. Illi in segwitu ghal din il-fattura, is-Socjeta’ attrici bghatet ittra li permezz taghha talbet il-hlas minghand is-Socjeta’ konvenuta tal-prezz tar-reklami, liema ittra hija datata 30 ta’ Novembru, 2012 (a fol.39), u b’risposta ghal tali ittra, s-Socjeta’ konvenuta wkoll bghatet ittra – datata 4 ta’ Dicembru, 2012 (a fol.40) – li permezz taghha ddikjarat illi kienet qed twettaq il-hlas tal-ammont mitlub li, madanakollu, kien qed jigi mnaqqas minnu l-*agency commission* ta’ hmistax fil-mija (15%).

Illi ghalkemm il-partijiet kontendenti jidher illi qed jaqblu illi f’din il-linja ta’ negozju tezisti din il-prassi li jkun hemm riduzzjoni fl-ammont miftiehem, u dan *in linea* ta’ *agency commission*, madanakollu, s-Socjeta’ attrici mhux qed taqbel illi kienet applikabbli f’din l-istanza, u tat ir-ragunijiet ghalfejn le. Illi gialadarba ma kienx hemm din l-accettazzjoni da parti tas-Socjeta’ attrici, allura s-Socjeta’ konvenuta ma tistax arbitrarjament u unilateralment tapplika a favur taghha stess tali riduzzjoni. Illi anke jekk wiehed jaghmel referenza ghad-dokument rilaxxjat mill-Allied Newspapers (a fol.30 tal-atti), li gie pprezentat mis-Socjeta’ konvenuta bhala konferma ulterjuri ta’ din il-prassi, jirrizulta illi tali tnaqqis sar bil-kunsens u accettazzjoni ta’ dik is-Socjeta’, tant illi t-tnaqqis ta’ din il-*commission* hija riflessa fil-fattura. Illi ghalhekk jidher illi kien hemm ftehim u accettazzjoni *a prioiri* minn *Allied Newspapers* illi kien ser ikun hemm tali tnaqqis, liema ftehim u accettazzjoni ma rrizultax fil-kaz in ezami da parti tas-Socjeta’ attrici. Illi ghalhekk, u in bazi tal-principju ta’ *pacta sunt servanda* tali prassi dwar tnaqqis ta’ *agency commission* ma tistax tigi meqjusa bhala applikabbli ghall-kaz in ezami.

Illi in rigward it-tieni linja difenzjonali tas-Socjeta’ konvenuta, u cioe’ illi l-hlas li gie mwettaq minnha lis-Socjeta’ attrici sar ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, u li ghalhekk ma hux dovut ebda bilanc, jehtieg illi ssir referenza ghall-ittra li maghha ntbaghat il-hlas, u cioe’ l-ittra datata 4 ta’ Dicembru, 2012 (a fol.28 tal-atti). Illi f’tali ittra l-*financial controller* tas-Socjeta’ konvenuta ddikjara illi kien qed jigi mwettaq il-hlas tas-somma ndikata, u ddikjara wkoll illi “*... An adjustment by us has been made in order to take into consideration the agency commission of 15% which was not taken into account on issuing the invoice.*” Illi kuntrarjament ghal dak li gie dikjarat minn dan ix-xhud permezz tad-deposizzjoni tieghu, f’din l-ittra ma hemm ebda referenza ghall-fatt illi tali hlas qed jigi mwettaq ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-Socjeta’ attrici. Illi ghalkemm dan iddikjara illi gialadarba saret referenza ghall-aggustament, allura dan jigi meqjus mill-*accountants* u awdituri bhala dikjarazzjoni li l-hlas qed jigi mwettaq ghas-saldu, u li ghalhekk jibqa’ intiz illi ghandha tinhareg *credit note* ghal dik id-differenza fil-prezz, madanakollu, tali interpretazzjoni ma tistax tigi meqjusa bhala wahda gustifikata, stante illi tali dikjarazzjoni ta’ hlas ghas-saldu – u l-konsegwenzjali accettazzjoni da parti tal-kreditur tal-hlas ghas-saldu – ghandhom ikunu dikjarati b’mod car u inekwivoku, kemm da parti tad-debitur u anke da parti tal-kreditur.

Illi dan zgur li mhux il-kaz f’dak li jirrigwarda l-kaz odjern, ghaliex b’referenza mill-gdid ghall-ittra li ntbaghet mis-Socjeta’ konvenuta mal-hlas imwettaq minnha, m’hemm ebda dikjarazzjoni li l-hlas qed jigi mwettaq ghas-saldu tal-pretensjonijiet tas-Socjeta’ attrici ma hemm ebda talba ghall-hrug ta’ *credit note* ghad-differenza fl-ammont li jirraprezenta l-*booking agency commission*, u f’dik il-parti tal-ittra fejn is-Socjeta’ attrici giet mitluba li tohrog il-fattura mill-gdid, dan sabiex jigi inserit in-numru fiskali - u ghalhekk ghal skopijiet fiskali - u mhux sabiex isir l-aggustament fil-kotba tal-kumpanija kif iddikjara r-rapprezentant tas-Socjeta’ konvenuta. Illi mill-atti processwali lanqas ma jirrizulta illi s-Socjeta’ attrici accettat l-imsemmi hlas ghas-saldu, u ladarba fir-ricevuta tal-hlas ma giex dikjarat illi l-hlas gie accettat ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, s-Socjeta’ attrici halliet impregudikati d-drittijiet taghha li titlob u tottjeni hlas minghand is-Socjeta’ konvenuta tal-bilanc dovut. Illi fic-cirkostanzi, it-talba tas-Socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba ghall-hlas tal-ammont pretiz.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-Socjeta’ konvenuta, qed jilqa’ t-talba tas-Socjeta’ attrici u jordna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lis-Socjeta’ attrici

s-somma ta’ tliet mija, erbgha u ghoxrin ewro, sebgha u disghin centezmu (€324.97c), bl-imghaxx mid-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez ta’ din il-kawza jkunu a karigu tas-Socjeta’ konvenuta.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------